# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 42

19 ta' Lulju, 2022

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.40 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

Francesca Borg – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 42

42.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 41 – 9;
42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
42.5 Komunikazzjoni;
42.6 Miżura 3 – Fondi Ewropej;
42.7 Avvenimenti marbuta mall-Festa S. Margerita 2022;
42.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
42.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 7/2022;
42.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu. Is-Sindku qal li għal dawn il-laqgħat bdiet tattendi l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Francesca Borg. Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri ferħu lil Ambaxxatriċi u spjegawlha fil-qosor l-andament tal-laqgħat tal-Kunsill.

## 42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

42.1.1 Kulħadd mill-Kunsill kien preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 41 – 9

42.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 41 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

42.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita issa s-servizzi fuq in-naħa tal-każini huma kollha mogħoddija u b'hekk sal-festa din l-area ser tkun magħluqa. B'hekk wara l-festa se jibda jsir l-crossing minn naħa għal oħra ta' Triq Sannat biex jitkompla s-service culvert b'hekk Triq Dun Xand Aquilina tkun tista tinfetaħ. Il-quddiem minn din it-triq se jgħaddi t-traffiku kollhu meta jsiru x-xogholijiet fuq in-naħa ta' Triq Ta' Ċenċ.

42.3.2 Is-Sindku qal li rigward is-siġar tal-Oleander il-bord approva li dawn ikunu jistgħu jiġu rilokati fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus pero għad fadal l-approvazzjoni tal-ERIS. Dan qed isir biex f'dan il-proġett ikun hemm uniformita u l-istess daqs tas-siġar.

42.3.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva dawn il-kontijiet mill-laqgħa preċedenti l'hawn u li dawn se jintbagħtu lid-Direttur tal-EcoGozo ġa la darba se jiġu approvati mill-Kunsill. Dawn il-ħlasijiet huma:
Ing Christian Cordini għal servizz ta' Project Manager Mejju 2022 €1260.00

42.3.4 Is-Sindku qal li dwar l-kontijiet ta' AIS Archaeology għal Archaeological monitoring Ġunju 2022 €1033.68 u li din u tax-xhur ta' qabel iridu jitħallsu mill-Kunsill peress li mhux koperti mill-kuntratt li l-Kunsill għandu mall-MGOZ. Għal dan il-għan il-Kunsill se jitlob biex issir laqgħa mall-MGOZ biex issir addendum fuq il-Kuntratt tal-proġett ta' Pjazza Santa Margerita.

42.3.5 Is-Sindku qal li kif qal fil-laqgħat preċedenti qed isiru weekly meetings mall-Kuntrattur tal-proġett tal-pjazza flimkien mall-periti u project manager.

42.3.6 Il-Kunsill ddiskuta l-bankina li saret quddiem il-każini li hi perikoluża. Is-Sindku qal li meta tkellem mall-Perit qal li kien hemm costings għal xejn.

42.3.7 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet fir-rigward tal-proġett tal-pjazza.

42.3.8 Il-Kunsillier Gauci staqsa jekk Pjazza Santa Margerita hux se titnaddaf. Is-Sindku qal li huwa xieraq li l-lokalita' tinħassel speċjalment minn fejn tagħaddi l-purċisjoni tal-festa. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir biex ikun hawn aktar indafa.

42.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju fl-11.00 a.m. ser issir laqgħa mall-Community Policing. Dawk il-Kunsillieri nteressati jistgħu jattendu. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk għandhomx xi mistoqsijiet li jridu jsaqsu lill-Pulizija. Il-Kunsillier Gauci staqsa jekk jistgħux jgħatu titwila fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Is-Sindku qal li iva se jiġbed l-attenzjoni ta' dan. Is-Sindku semmha li vetturi kbar ta' kostruzzjoni hemm minnhom li jqattru ż-żejt u għalhekk il-pulizjia se jkun infurmat. Is-Sindku qal li hu nforma biex meta jinħareġ permess mill-uffiċċju jinfurmaw b'dan lill-kuntrattur biex b'hekk ikun hemm nadif ukoll. Ġie diskuss ukoll l-iskart domestiku biex jintqal lill-Pulizija. Il-Kunsillier Bajada qal li għalkemm hemm it-tabelli kollha neċessarji fi Pjazzetta tax-Xelina is-sewwieqa mhux qed jobdu dawn is-sinjali. Il-Kunsillier Tewma ssuġġerrixxa li jkun hemm xi local warden, il-Kunsillier Gauci qal li ġieli kien hemm. Il-Kunsillier Bajada qal li mportanti ukoll li niġbdu l-attenzjoni tal-pulizija dwar il-parkeġġi li jsiru.

42.3.10 Is-Sindku fakkar u nforma lill-Kunsill li s-Superjur tal-MUSEUM kien kiteb fejn infurmana li matul l-istaġun tas-sajf se jiġu organizzati LogħobisSajf - fun games fil-ground tal-Museum, u għal dan il-għan qed jitolbu biex il-Kunsill jikkolabora f'dawn l-attivitajiet fejn l-ispejjez jammontaw għas-somma ta' €500. Wara li saret laqgħa apposta miegħu u anke ma' l-Arċipriet, s-Sindku qal li fost dan il-logħob se jsir quiz interessanti għat-tfal u hu jaqbel li l-Kunsill għandu jikkolabora. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel ma dan.

42.3.11 Is-Sindku nforma li s-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti talbu l-koperazzjoni tal-Kunsill biex jiġi ppreparat u muri feature nhar il-Ħamis tal-ġimgħa tal-festa dwar l-festa u d-drawwiet tal-lokal kif ukoll biex iħeġġeġ aktar zgħazagħ biex jidħlu għal xogħol volontarju. L-ispiża ta dan il-feature hi ta' €1003. Il-Kunsill qabel li għandu jikkolabora u mportanti li f'dan il-feature il-Kunsill jiġi rikonoxxut u jiprovdu kopja ta dan il-feature.

42.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din is-sena s-Soċjeta Mużikali Santa Margerita qed tfakkar il-25 sena anniverserj mit-twaqqif tagħha u għalhekk talbet lill-Kunsill biex jikkolabora biex isir tifkira tal-okkazjoni. Il-Kunsill qabel li jikkolabora. Is-Sindku qal li din is-Soċjeta se tibbenefika ukoll peress li l-Kunsill kien applika minn fondi ewropej permezz tal-applikazzjoni li kellna minn mall-GAGF. Il-Kunsill qed fil-proċess li jiġi ffirmat il-kuntratt biex b'hekk joħroġ l-offerta neċessarja.

42.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill talbu biex isiru xkaffar fil-Ġnien tal-Bidwi.

42.3.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Superjur tal-Museum baghat email fejn għarrafna li f'Settembru li ġej ser isir tagħlim bl-isem sajda mużewmina. Din tkun matul il-ġimgħa filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jnaddaf il-madwar.

42.3.15 Is-Sindku nforma li Transport Malta bgħatet li saret talba minn residenti fi Triq tal-Gruwa biex isir 1.5m Keep Clear Bay / Reserved Parking. Il-Kunsill ddiskuta din it-talba.

42.3.16 Is-Sindku qal li bgħat imejl lill-Planning Authority fejn oġġezzjoni fuq applikazzjoni PA3923/2022 dan peress li din hi waħda mid-djar qodma li hawn f'Ta' Sannat. Is-Sindku talab li din l-ittra tinqara mill-Kunsillieri.

42.3.17 Is-Sindku qal li għadu bla risposta mill-Awtorita tal-Ippjanar dwar l-enlighments tat-toroq fil-lokalita'.

## 42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

42.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

42.4.2 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 42.5 Komunikazzjoni

42.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl dwar:
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/07/2022 – Espressjoni ta' Interess: *World Cleanup The World Campaign 2022*
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/08/2022 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022
Is-Sindku talab lill-Kunsillieri biex jaraw din iċ-Ċirkulari u joħorġu b'xi ideat biex b'hekk il-Kunsill ikun jista japplika.

42.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
14 ta' Ġunju 2022 – Cir AKL 2022/059 – Plenary Conference – Transport Park & Ride
14 ta' Ġunju 2022 – Cir AKL 2022/060 – Plenary Conference – Transport Fast Ferry
17 ta' Ġunju 2022 – Cir AKL 2022/061 – Rimborż tal-ġbir ta' skart organiku
24 ta' Ġunju 2022 – Cir AKL 2022/062 – FW: Invitation Cir AKL 2022/062 – 8 July 2022 (MF) launch of the new part-time, evening course leading to a B.A. (Hons.) in Adult Education, Training and Development
28 ta' Ġunju 2022 – Cir AKL 2022/063 – Żjara mill-President tal-Kunsill Ewropew 22/07/2022
30 ta' Ġunju 2022 – Cir AKL 2022/064 – Group Life Policy – Membri Eletti
30 ta' Ġunju 2022 – Cir AKL 2022/065 – DiGY Multiplier event by Aġenzija Żgħażagħ
04 ta' Lulju 2022 – Cir AKL 2022/066 – AKL Summer Event 05/08/2022
05 ta' Lulju 2022 – Cir AKL 2022/067 – SeedGreen Programme – request for promotion
08 ta' Lulju 2022 – Cir AKL 2022/068 – Post Vakant – Uffiċjal Eżekuttiv AKL Skala 13
11 ta' Lulju 2022 – Cir AKL 2022/069 – Malta Dementia Society – Attivitajiet fil-komunita'
11 ta' Lulju 2022 – Cir AKL 2022/070 – Ħruġ ta' permessi mill-Kunsilli Lokali
12 ta' Lulju 2022 – Cir AKL 2022/071 – Blue Heart Campaign – UN World Day Against Trafficking in Persons 30th July 2022
15 ta' Lulju 2022 – Cir AKL 2022/072 – European Week of Regions and Cities – Brussels Oct 2022

42.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Din kienet dwar:
20 ta' Ġunju 2022 – Versi (poeżiji) fuq zebra crossing fil-lokalitajiet
20 ta' Ġunju 2022 – Re Laqgħa Urġenti Reġjun Għawdex Nru 109 nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju, 2022 fis-6p.m.
21 ta' Ġunju 2022 – ATTN: SAVE THE DATE: Info seminar |Second call for Project Proposals – Interreg Euro-MED Programme 2021-2027
06 ta' Lulju 2022 – Gozo Regional Culture Commitee

07 ta' Lulju 2022 – ATTN: SAVE THE DATE: Taħriġ fuq ERASMUS+ għall-Ambaxxaturi Żgħażagħ Għawdxin
14 ta' Lulju 2022 – Possibilita' tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura f' Għawdex
14 ta' Lulju 2022 – ATTN: Blue Heart Campaign – UN World Day Against Trafficking in Persons – 30th July 2022

## 42.6 Miżura 3 – Fondi Ewropej

42.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm l-applikazzjoni minn M 3 u li issa l-Kunsill jista japplika minn din l-applikazzjoni. Is-Sindku spjega din l-applikazzjoni.

## 42.7 Avvenimenti marbuta mall-Festa S. Margerita 2022

42.7.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill applika minn fond kulturali mill-MGOZ għal Shades of Flames and Glowing Skies fejn il-Kunsill bbenefika l-ammont ta' €9500 biex isiru dawn l-attivitajiet.

42.7.2 Dwar it-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel l-Kunsill ġab dawk il-permessi meħtieġa biex din tkun tista ssir. Is-Sindku qal li jrid jirringrazzja lil Ministru għal Għawdex fejn ikkommetta li se jiffinanzja din it-tiġrija tradizzjonali din ser issir nhar il-Ħadd 24 ta' Lulju mis-1.30 p.m. sas-6.00 p.m. L-ispettaturi se jkunu jistgħu jaraw din it-tiġrija biss minn struttura armata u mibnija fil-grawnd tal-iskola. Is-Sindku qal li kellu laqgħa apposta mall-Health and Safety Officer dwar din l-attivita fejn faħħar r-rapport tar-risk assesment dwar din l-attivita' ta kif ser tkun mtellgħa. Il-Kunsill għandu jaħseb għal kollox għal din l-attivita'. Is-Sindku qal li din hi xi ħaġa ġdida għal Kunsill u jispera li din l-attivita' tkun suċċess.

42.7.3 Fis-2.37 p.m. Il-Kunsillier Bajada u l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ talbu li jiġu skużati peress li kellhom iħallu din il-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta.

## 42.8 Ilmenti u Suġġerimenti

42.9.1 B'referenza għall-ilment numru 22/2022, resident li joqgħod fi Triq 28 ta' April, talab li tinħasel l-bankina tal-promenade ta' Triq 28 ta' April b' xi bowzer speċjalment issa li dalwaqt ġejja l-festa. Is-Sindku qal li din se tinħasel f'dawn il-ġranet li ġejjin.

42.9.2 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System,* sabiex jiġi rranġat fanal miksur fi Triq Ta' Ċenċ fil-wesgħa tal-Hotel Ta' Ċenċ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan ġie rranġat.

42.9.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward rimi ta' skart u tarmak li għandu bżonn il-manutenzzjoni fi Triq Mgarr ix-Xini. Is-Sindku qal li din it-triq se tiġi asfaltata fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku qal li din it-triq se tinqala peress li minnha se jgħaddi s-second class water.

42.9.4 B' referenza għall-ilment numru 23/2022, resident li joqgħod fi Triq Xamgħan qed jitlob li jinkines il-ħafna trab li hemm f'din it-triq minħabba l-kostruzzjoni li qed isir. Huwa importanti li dan isir peress li huwa ta' periklu għas-saħħa u anke minħabba t-tfal li jkunu jilgħabu ħdejn il-Museum. Is-Sindku qal li hu dejjem jissuġġerrixxi li din tingħata kisja waħda

tarmak. Il-Kunsill diġa beda jitkellem ma entitajiet oħra dwar din it-triq. Il-Kunsill diġa għandu offerta dwar dan ix-xogħol, il-problema hi l-finanzi.

42.9.5 B'referenza għall-ilment numru 24/2022, persuna talbet li jerġgħu jiġu nstallati tliet bankijiet ġodda fuq il-moll fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill għandu jiġbor kwotazzjonijiet għal dawn il-bankijiet. Huwa ilmenta ukoll rigward ir-rampa tan-naħa ta' niżla li hija perikoluża peress li fiha ħafna toqob li ilhom hemm u siġġu tar-roti ma jgħaddix. Il-Kunsill għandu jirrapporta din bis-sistema tal-MGOZ.

42.9.6 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq Marsilja, fejn talab lil Kunsill ibiddel siġra mejta li hemm fuq il-bankina tal-appartament tiegħu. Il-Kunsill qabel li jwaħħal siġra oħra.

42.9.7 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward żibel mormi u ħaxix ħażin fi Triq Tal-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan tnaddaf.

42.9.8 B' referenza għall-ilment numru 24/2022, persuna minn Triq Ħarruba qalet li din it-triq hi dejqa ħafna u qed titlob li tiġi kkunsidrata li ssir sign no heavy vechicles għax mhux l-ewwel darba li qed isir ħsarat fil-propjeta'. Is-Sindku qal li l-aħjar nitkellmu ma Transport Malta. Il-Kunsill qabel ma dan.

42.9.10 Resident qed jissuġġerixxi biex jinqagħta l-ħaxix fi Triq id-Daħla taċ-Ċuns fejn hemm il-kamra tal-EneMalta. Il-Kunsill ma jsibx diffikulta li dan ix-xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix isir għalkemm li din it-triq għadha mhix iffurmata

42.9.11 Il-Kunsillier Tewma talab fuq suġġerrimenti tar-residenti biex il-water culvert ta' Triq Dun Xand Aquilina jiġu ssiġġilati biex ma jibqgħux iħabtu. Il-Kunsill għandu jara x'jista jgħamel.

42.9.12 Il-Kunsillier Tewma qal li fuq il-ġibjun fi Triq il-Kbira ġie ssuġġerit lillu li jitħawlu xi pjanti fil-pots u l-fanali jitnaddfu u jixgħelu. Il-Kunsill qabel ma dan u biex fi Triq il-Kbira hemm bżonn li t-triq tiġi miknusa. Il-Kunsill għandu jinforma lill-Kuntrattur biex din titnaddaf.

42.9.13 Il-Kunsillier Tewma qal li fuq suġġeriment ta xi residenti biex isir kors baziku tal-kompjuter għall-anzjani. Il-Kunsill għandu jara x'jista jgħamel biex dan ikun jista jsir.

42.9.14 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sinjura Renance Aquilina rregalat inċizjoni oriġinali minn tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sinjura Aquilina.

## 42.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 7/2022

42.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 7/2022 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Gauci u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 42.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

42.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.10 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 29 ta' Awwissu 2022, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 29 ta' Awwissu, 2022

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |